MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**ROBERT G MANGION**

Seduta tal-31 ta' Ottubru, 2013

Citazzjoni Numru. 282/2010

**A B f'isimha proprio u**
**bhala werrieta universali ta' bintha l-mejta C B**
**vs**
**D E u Direttur tar-Registru Pubbliku**
**li gie kjamat in kawza b'digriet tal-11 ta' Jannar 2011**

**Il-Qorti,**

**Preambolu**

Rat ir-rikors guramentat tal-attrici pprezentat fit-12 ta' Awwissu 2010 li permezz tieghu l-attrici ippremettiet u talbet is-segwenti:-

Illi fis-27 ta' Jannar tas-sena 2010 f'Mater Dei twieldet tarbija C B minn l-attrici A B u missier mhux maghruf;

Illi peress li kif ser jigi ppruvat fil-kors tal-kawza il-minuri hija l-wild naturali tal-konvenvut;

Illi l-konvenut gie interpellat gudizzjarjament permezz ta' ittra ufficjali sabiex jirrikonoxxi lil bintu minuri izda baqa' inadempjenti;

Illi fid-9 ta' Frar tas-sena 2010 il-minuri mietet u ghal kull konsiderazzjoni ulterjuri ttiehdu kampjuni minn halq il-minuri qabel ma din mietet;
Illi l-attrici ghandha interess illi tigi stabbilita l-paternita' tal-minuri kemm minhabba r-realta' socjali kif ukoll minhabba r-reputazzjoni taghha.
Ghaldaqstant titlob lil din il-Qorta sabiex:
1. Tiddikjara illi l-konvenut huwa l-missier naturali tal-minuri C;
2. Tordna li c-certifikat tat-twelied tal-minuri C B li jgib in-numru progressiv 619/2010 jigi korrett fis-sens illi fil-kolonna intestata: 'Isem u kunjom missier it-tarbija u jekk hux haj jew mejjet, jigu inseriti dawn il-konnotati: isem il-missier - D E; Karta ta' l-Identita' - 284890 (M); Eta'- 19; post tat-twelid - Pieta'; Okkupazzjoni - fil-kostruzzjoni; isem il-missier - Jesmond E; joqghod - Birkirkara.
3. Tordna li c-certifikat tal-mewt tal-minuri C B li jgib in-numru progressiv 63/2010 jigi korrett fis-sens illi fil-kolonna intestata: isem u kunjom il-genituri minflok il-kliem Missier mhux maghruf jigu inseriti l-kliem - D E (Haj).
Bl-ispejjez kontra l-konvenut inkluza l-ittra ufficjali ta' l-1 ta' Frar 2010;
Rat il-lista tax-xhieda ta' l-attrici u l-elenku tad-dokumenti;
Rat ir-risposta guramentata ta' D E[1] li permezz taghha eccepixxxa (1) n-nullita tal-azzjoni stante li d-Direttur tar-Registru Pubbliku mhuwiex parti mill-kawza; u (2) stante li l-minuri mhuwiex rapprezentat bhala parti fil-kawza kif kellu jkun; u (3) fil-mertu l-konvenut mhuwiex missier il-minuri kif qed jigi allegat u ghal dan il-ghan ghandu jsir test xjentifiku, mhux ex-parte sabiex jistabilixxi minn huwa l-missier naturali.
Rat il-verbal tal-udjenza tal-11 ta' Jannar 2011 fejn il-konvenut irtira l-ewwel eccezzjoni in vista tal-fatt li gie kjamat in kawza d-Direttur tar-Regsitru Pubbliku;
Rat ir-risposta tad-Direttur tar-Regsitru Pubbliku[2] li permezz taghha ssottometta:
1. Illi preliminarjament l-esponent jistqarr li hu mhuwiex edott mill-fatti li gew iddikjarati fir-rikors guramentat u ghalhekk ghal dak li ghandu x'jaqsam mal-mertu tal-kaz

[1] Fol. 34
[2] folio 40

inkwistjoni huwa jirrimetti ruhu ghar-rizultanzi istruttorji ghalkemm f'dan l-ambitu l-esponenet umilment jitlob lil din l-Onorabbli Qorti sabiex tistieden lill-partijiet kollha koncernanti sabiex jissottomettu ruhhom ghat-testijiet genetici kif provdut fl-Artikolu 100A tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. Illi minghajr hsara ghal fuq espost, l-esponent jissottometti li fi kwalunkwe kaz l-azzjoni tar-rikorrent mhijiex attribwibbli ghal xi ghemil jew nuqqas ta' agir tal-esponent u kwindi huwa m'ghandux jigi assoggettat ghall-ispejjez tal-kawza istanti;

Rat is-sentenza parzjali[3] tas-27 ta' Ottubru 2011 fejn il-Qorti cahdet it-tieni eccezzjoni tal-konvenut u ordnat l-prosegwiment tal-kawza;

Rat ir-rapport xjentifiku tad-DNA pprezentat mill-ispizjara Dottoressa Marisa Cassar li jiccertifika illi l-konvenut huwa effettivament missier il-minuri C;[4]

Rat illi fis-seduta tal-11 ta' Gunju 2013 l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza;

Rat l-atti kollha inkluzi l-affidavits[5];

Ikkunsidarat;

**Provi**

Jirrizulta mill-provi illi l-attrici kellha relazzjoni mal-konvenut ghal madwar seba' xhur li ghalkemm kienet tajba u kellhom hsibijiet ghaz-zwieg tant li kienu attendew il-kors ta' Kana, instab ostaklu u din ir-relazzjoni thassret; ghaxart ijiem wara li nfirdu indunat li kienet tqila minnu; ghall-ewwel heggigha biex taghmel abort, imbaghad beda jinnega li t-tarbija hi tieghu bl-allegazzjoni li kellha wicc haddiehor.

Fis-seba' xahar l-attrici ddahhlet l-isptar u weldet tarbija xhar u nofs wara u billi kien hemm kumplikazzjonijiet it-tarbija mietet wara tlettax il-gurnata.

Fl-udjenza tas-6 ta' Dicembru 2011 il-Qorti innominat lill-ispizjara Dr Marisa Cassar biex tippreleva l-kampjuni li Christopher Farrugia eleva minn fuq il-persuna tal-minuri

[3] folio 56
[4] folio 73
[5] affidavit ta' l-attrici folio 20

meta kienet ghadha hajja u taghmel it-test tad-DNA fuq l-istess kampjun filwaqt li l-konvenut kien invitat jattendi ghand l-espert biex jittiehdu kampjuni ghall-finijiet tal-istess testijiet.
Fit-8 ta' Frar 2013 l-analista Dr Marisa Cassar ezebit taht gurament rapport intitolat, "DNA Paternity Test Report" rilaxxat minnha, li jiccertifika li l-probabilita' li l-konvenut huwa l-missier naturali tal-minuri C hi ta' 99.9999%.

**Konsiderazzjonijiet**
Artikolu 86A tal-Kapitolu 16 jipprovdi illi:
(1) L-omm ta' iben imnissel jew imwieled barra miż-żwieġ li ma jiġix magħruf mill-missier, u dak l-istess tifel, jistgħu f'kull żmien iressqu talba ġudizzjarja biex tiġi stabbilita l-paternità tat-tifel u biex il-Qorti tordna r-reġistrazzjoni ta' dik il-paternità fl-atti tal-istat ċivili relattivi.
Illi r-rizultanzi tat-testijiet tad-DNA jikkonfermaw li l-attur huwa missier il-minuri.
Ghaldaqstant it-talbiet attrici jisthoqq li jigu akkolti.

**Decide**
Ghar-ragunijiet premessi, din il-Qorti qeghda taqta' u tiddeciedi din il-kawza billi tichad it-tielet eccezzjoni tal-konvenut E u l-eccezzjonijiet tal-konvenut Direttur, u:
1. Tilqa' it-talbiet attrici u tiddikjara li D E huwa l-missier naturali tal-minuri C B;
2. Tordna li c-certifikat tat-twelid tal-minuri C B li jgib in-numru progressiv 619/2010 jigi korrett fis-sens illi fil-kolonna intestata: 'Isem u kunjom missier it-tarbija u jekk hux haj jew mejjet, jigu inseriti dawn il-konnotati: isem il-missier - D E; Karta ta' l-Identita' - 284890 (M); Eta'- 19; post tat-twelid - Pieta'; Okkupazzjoni - fil-kostruzzjoni; isem il-missier - Jesmond E; joqghod - Birkirkara.
3. Tordna li c-certifikat tal-mewt tal-minuri C B li jgib in-numru progressiv 63/2010 jigi korrett fis-sens illi fil-kolonna intestata: isem u kunjom il-genituri minflok il-kliem Missier mhux maghruf jigu inseriti l-kliem - D E (Haj).
Bl-ispejjez kontra l-attrici u l-konvenut D E f'sehem indaqs bejniethom u in solidum bejniethom.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------